MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 281/1976/1

**Anthony Grech u b'digriet tal-25 ta' Settembru 1990, stante l-mewt ta' l-attur, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Christopher Grech, Maria Amabilis mart Louis Mifsud, Angela mart Paul Hili, Maryanne mart Stephen Gera ahwa Grech bhala wlied u unici eredi ta' l-attur Anthony Grech; u Sophia armla ta' l-istess Anthony Grech bhala uzufruttwarja u gia kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejnha u l-mejjet zewgha.**

**vs**

**Joseph Farrugia u b'rikors tal-4 ta' Gunju 1990 Carmela Farrugia assumiet l-atti flok zewgha Joseph Farrugia li miet fil-mori tal-kawza**

**l-Qorti;**

**Preliminari:**

B'citazzjoni ppresentata fl-24 ta' Marzu, 1976 l-attur kien ippremetta illi fis-16 ta' Jannar, 1976 il-konvenut gie minn din il-Qorti kanonizzat kreditur ta' l-attur fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Farrugia vs Anthony Grech personalment u ghall-Anthony Grech & Company Ltd" fis-somma ta' LM2650 bl-ispejjes u l-imghax skond il-ligi u billi l-imsemmija sentenza kontra l-attur <u>personalment</u> inghatat in forza ta' xiehda ta' Joseph Farrugia, prodott mill-attur fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 1976; u billi l-istess deposizzjoni, in kwantu tasserixxi li l-ftehim tal-20 ta' Dicembru, 1974 gie mibdul u li l-attur assuma xi responsabilita` personali ghad-debitu tal-kumpanija, hija inveritiera u falza, u billi l-attur ghandu interess li tigi hekk dikjarata ghall-finijiet tal-Artikolu 814 (j) tal-Kod. Proc. Civ. – talab jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi dikjarat u deciz li d-deposizzjoni ta' Joseph Farrugia, moghtija fid-9 ta' Jannar, 1976, hija falza in kwantu asseriet li l-ftehim tal-20 ta' Dicembru 1974 gie mibdul u li l-attur b'xi mod, meta, jew wara li giet iffirmata dik l-iskrittura, assuma personalment xi responsabilita` ghad-debitu rikonoxxut mis-socjeta` "Anthony Grech & Company Ltd.".
Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-8 ta' April, 1976 l-konvenut eccepixxa:-
1. Illi fl-ewwel lok, ir-riferenza fic-citazzjoni ghall-art. 814(j) tal-Kodici tal-Procedura Civili japplika biss ghal sentenza moghtija fi grad ta' appell, li mhux il-kaz in kwistjoni u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat bl-ispejjes.

2. Illi subordinatament, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-domandi attrici huma fil-mertu nfondati fid-dritt u fil-fatt billi s-sentenza moghtija minn dina l-Onor. Qorti fis-16 ta' Jannar 1976 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Farrugia vs Anthony Grech personalment u ghal 'Anthony Grech & Company Ltd.'" li fiha l-konvenut ta' allura in kwantu tharrek proprio hu l-attur odjern, inghatat fil-kontumacja ta' Anthony Grech proprio et nomine, u dik is-sentenza nghatat fuq ix-xiehda veritiera tax-xhud Joseph Farrugia.
3. Illi l-kawza odjerna hi attentat da parti tal-attur biex jehles mill-effetti tal-kontumacja li waqa fiha f'citazzjoni fejn hu tharrek sew nomine <u>kif ukoll personalment</u>, u meta hu ma habbilx rasu jattendi ghall-udjenza.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-7 ta' Dicembru, 2000 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici u ordnat li l-ispejjes tal-kawza ghandhom ihallsuhom is-successuri ta' l-attur li f'isimhom kien trasfuz il-gudizzju wara l-mewt tieghu u dana wara li qalet hekk:-

*"L-attur qed jitlob li xiehda moghtija f'kawza ohra hija falza sabiex, bis-sahha ta' dik id-dikjarazzjoni, ikun jista` jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza l-ohra, li kienet inqatghet kontra tieghu, taht l-art. 814(j) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jghid li jista' jintalab is-smigh mill-gdid ta' kawza:*

*(j) jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt;*

*Li rridu maghmlu issa, mela, hu li naraw jekk hux tassew li x-xiehda li nghatat fil-kawza* ***Joseph Farrugia vs Anthony Grech proprio et nomine*** *kienet falza f'partijiet importanti u sostanzjali taghha.*

*Naturalment dan l-ezami rridu naghmluh fid-dawl tal-principju tar-res iudicata, billi ga hemm sentenza finali bejn il-partijiet.*

*Ghalhekk, biex jirnexxi fl-azzjoni tallum l-attur ma jistax jitlob li l-qorti taghmel valutazzjoni mill-gdid tax-xiehda mressqa jew li setghet titressaq fl-ewwel kawza, ghax il-kawza tallum ma hix appell minn dik il-kawza; li kellu jaghmel l-attur kien li jressaq xiehda gdida li, jew ghax ma kienx jaf biha jew ghal xi raguni tajba ohra, ma setax iressaqha fl-ewwel kawza biex juri li x-xiehda mressqa f'dik il-kawza hija falza. Jekk ix-xiehda li jrid iressaq issa l-attur, biex juri l-falsita` tax-xiehda fil-kawza l-ohra, hija xiehda li ngiebet jew li setghet tingieb fil-kawza l-ohra, li jkun qieghed jaghmel hu li johloq grad iehor ta' appell jew li jiftah il-kawza mill-gdid; din hija haga li l-ligi ma thallix li ssir. Huwa ghalhekk li x-xiehda li seta' jressaq l-attur fil-kawza tallum trid tkun xiehda li ma ressaqx, u li ma setax iressaq, fil-kawza l-ohra.*

*Lanqas ma jista' l-attur jippretendi xi vantagg fil-kawza tallum ghax fil-kawza l-ohra kien baqa' kontumaci. Xiehda li l-attur kien ikun jista' jressaq li kieku ma baqax kontumaci ma titqiesx xiehda gdida ghall-ghanijiet tal-kawza tallum. Jekk nghidu mod iehor nkunu qeghdin nghidu li s-sentenzi qatt ma jsiru finali ghax il-partijiet jistghu jaghzlu li jzommu xiehda mistura u jressquha biss wara li tinghata sentenza, u hekk il-kaz jigi ezaminat mill-gdid.*

*Fil-kaz tallum, fil-fehma tal-qorti lill-attur ma sehhlux juri, la permezz ta' xiehda li ma setax iressaq fl-ewwel kawza, u lanqas b'xi mezz iehor, li x-xiehda moghtija f'dik il-kawza kienet falza. Fil-process ma hemm xejn li jista' b'xi mod isahhah it-tezi ta' l-attur, u, f'dawn ic-cirkostanzi, it-talba maghmula fic-citazzjoni ma tistax tintlaqa'. "*

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur (jew, ahjar, is-successuri tieghu) hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors ppresentat fit-22 ta' Dicembru, 2000 interpona appell u

talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti ghandha tirrevoka s-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2000 bl-ispejjes kontra l-appellata.

Fir-risposta taghha l-appellata sostniet li s-sentenza hija gusta u jisthoqqilha li tigi konfermata u ghalhekk talbet li l-appell jigi michud bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

L-aggravji tal-appellanti huma bbazati fuq is-segwenti:-
1. illi l-ewwel qorti kienet skorretta meta rriteniet li l-kontumacja tal-attur kien jimmilita kontra tieghu u ghandu jigi privat milli jistitwixxi din l-azzjoni li huwa ghandu kull dritt li jipproponi skond l-Artikolu 814(j) tal-Procedura Civili (illum l-Artikolu 811(j));
*2.* illi l-ewwel qorti kienet ukoll skorretta meta irriteniet li l-appellanti ma jistghux iresqu xhieda li resqu fl-ewwel kawza izda jridu jkunu xhieda godda.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Il-proceduri odjerni ghandhom l-ghan ewlieni li jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' falsita` ta' xiehda fi proceduri determinati b'sentenza tal-Prim Istanza moghtija fis-16 ta' Jannar, 1976 fuq il-kontumacia tal-konvenut, billi l-atturi jixtiequ juzufruwixxu mill-provvedimenti tas-subinciz (j) ta' l-Artikolu 811 (gia Artikolu 814) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jikkoncedi d-dritt ta' ritrattazzjoni lill-parti interessata wara li tigi mhassra s-sentenza attakkata kemm-il darba b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz l-provi li fuqhom tkun ibbazata s-sentenza. Dan id-dritt huwa moghti lill-parti interessata sew wara li kawza tkun deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell, kemm wara sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad. Fit-tieni ipotezi, izda, l-ligi trid (Art. 812) li l-parti "*tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell.*"

Is-sentenza moghtija fis-16 ta' Jannar, 1976 kienet hekk moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad fuq il-kontumacja tal-konvenut. B'dana kollu fil-proceduri odjerni, fejn qed tintalab dikjarazzjoni li x-xiehda ta' Joseph Farrugia

moghtija fil-proceduri determinati bis-sentenza imsemmija kienet falza, ma jidhirx li tressqet prova li l-attur odjern sar jaf bl-allegata falsita` ta' l-imsemmija deposizzjoni wara li skada t-terminu ta' l-appell. U la fic-citazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni annessa ma l-istess ma jissemma' xejn dwar dan. Anzi jidher li l-istess konvenut (f'dawk il-proceduri) kien konsapelovi ta' dak li kien intqal. Din il-kwistjoni ma gietx indirizzata fis-sentenza appellata fejn il-Qorti llimitata ruhha ghall-konsiderazzjonijiet ta' natura procedurali dwar l-ammissibbilita` ta' xiehda godda. Ghalhekk proprjament anke jekk l-attur kellu jirnexxi fit-talba tieghu tali pronunzjament tal-Qorti ma jkun qatt jista` jwassal ghall-istituzzjoni ta' proceduri ta' ritrattazzjoni b'mod regolari billi jonqos element essenzjali rikjest mill-ligi.

B'dana kollu din il-Qorti sejra issa tezamina l-aggravji tal-atturi appellanti.

**Id-drittijiet tal-kontumaci.**

Kif sewwa gie rilevat fir-rikors ta' l-appell il-kontumacja hija dejjem kunsidrata bhala kontestazzjoni u l-parti sokkombenti, minkejja l-kontumacja taghha, tista` dejjem tinterponi appell minn dik is-sentenza. B'dana kollu fl-istadju ta' appell il-konvenut li ma jkunx ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni imsemmija fl-artikolu 158 u li jkun naqas li jidher ghas-smigh tal-kawza, ma jkunx jista` jgib xhieda fil-qorti fi grad ta' appell, kemm-il darba ma jurix raguni tajba, fil-fehma tal-qorti, li ghaliha huwa jkun naqas (Art. 208(2) Kap 12). Dawn il-proceduri mhux regolati bl-artikolu citat inkwantu dan mhux appell mis-sentenza tas-16 ta' Jannar, 1976, biss din il-Qorti tosserva li f'dawn il-proceduri ghalkemm l-attur kien indika bhala xhud tal-falsita` allegata lil Dr. Louis Camilleri Preziosi u lil Cecil Diamantino, jirrizulta li fuq perjodu ta' aktar minn <u>erbgha u ghoxrin sena,</u> cioe` kemm damet biex tigi determinata din il-kawza in prim istanza, <u>u ghal xejn anqas minn mija u tmien differiment</u>, l-attur naqas li jressaq l-ickenn prova ta' dak allegat fic-citazzjoni. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta osservat li "*Fil-process ma hemm xejn li jista` b'xi mod isahhah it-tezi ta'*

*l-attur, u, f'dawn ic-cirkostanzi, it-talba maghmula fic-citazzjoni ma tistax tintlaqa'."*

Dak li inghad dwar id-drittijiet tal-kontumaci japplika wkoll ghat-tieni aggravju nkwantu l-istess attur lanqas ghamel l-ickenn tentattiv biex jressaq provi in sostenn ta' dak li kien qed jallega fic-citazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' l-attur qed jigi michuda u s-sentenza appellata kkonfermata. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fit-termini tal-Artikolu 223 (4) tal-Kap 12, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellata l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------